MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru. 682/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**

**vs**

**Anthony Agius**
**Generoso Sammut**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Anthony Agius ta’ 53 sena, iben Joseph u Agnes nee’ Schembri, imwieled Qormi fid-19 ta’ Marzu 1951 u residenti f’numru 7, Triq il-Mithna, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 266951M u l-imputat Generoso Sammut ta’ 50 sena iben il-mejtin Carmelo u Josephine nee’ Attard, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Frar 1954, residenti f’numru 56, Triq in-Nirien, Siggiewi u detentur tal-

karta tal-identita' numru 203454M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F'dawn il-Gzejjer, fit-23 t'Awwissu 2001, u fil-perjodu ta' qabel u wara din id-data,

Lil Anthony Agius wahdu ; Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' bhala Nutar Pubbliku, illi, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li ga iffurmati jew maghluqa, dan bi ksur tal-artikoli 179 u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, u cioe' bhala Nutar Pubbliku, illi, meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew cirkustanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux, dan bi ksur tal-artikolu 180 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, u cioe' bhala Nutar Pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, dan bi ksur tal-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkommetta dawn ir-reati filwaqt li kien ufficcjal jew impjegat pubbliku, bhala Nutar Pubbliku, li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Generoso Sammut

Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet,

obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara lil Nicholas Anthony Borg l-eredi tieghu u persuni ohra, dan bi ksur ta' l-artikli 308 u 309, 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Frar 2006 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-7 ta' Frar 2006
l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghhom surreferita.
Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Parti Civili u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri nbdew fuq rapport li sar lil Pulizija mill-parti civili Emanuel Scerri fl-2002 rigward testment li sar miz-ziju tieghu Nicholas Anthony Borg fit-23 ta' Awwissu 2001 u li gie nsinwat fit-28 ta' Awwissu 2001

(Dok. EM6 a fol. 52 sa 55 tal-atti processwali). Nicholas Anthony Borg miet fl-14 ta’ Novembru 2001 u mill-medical file tieghu inserit a fol. 261 tal-atti processwali jirrizulta li huwa kien ta’ spiss jigi rikoverat l-Isptar ghaliex kellu l-marda tal-cancer. Mill-imsemmi testment jirrizulta li Nicholas Anthony Borg halla bhala eredi universali lil certu Richard Gauci u mbaghad halla legat ta’ Lm2000 lil huh Salvatore Borg u xi legati ohra lid-Dar tal-Providenza u xi istituzzjonijiet benefici ohra. Dan it-testment gie redatt mill-imputat, in-Nutar Anthony Agius fl-ufficcju tieghu numru 7, Triq il-Mithna, Hal-Qormi u bhala xhieda fuq dan it-testment dehru l-imputat l-iehor Generoso Sammut u Charlo’ Attard li huwa n-neputi tal-imputat Generoso Sammut. Fuq l-imsemmi testment jidhru il-firem tat-testatur, kif ukoll dawk tal-imputati Generoso Sammut u Anthony Agius u l-firma tax-xhud l-iehor Charlo’ Attard. Qabel dan it-testment Nicholas Anthony Borg kien ghamel zewg testmenti ohra (kopji nseriti a fol. 32 sa 45 tal-atti processwali) fejn huwa kien halla bhala eredi tieghu lil membri tal-familja tieghu u fejn fit-testment tat-18 ta’ Novembru 1997 kien halla lil parti civili Emanuel Scerri bhala ezekutur testamentarju. Wara l-mewt tal-imsemmi Anthony Nicholas Borg il-parti civili beda’ jkollu suspetti dwar l-awtenticita tal-firma ta’ Nicholas Anthony Borg li kienet tidher fuq it-testment maghmul fit-23 ta’ Awwissu 2001 u dan mhux biss ghaliex fl-imsemmi testment thalla bhala eredi universali xi hadd li ma kienx membru tal-familja tat-testatur izda anki ghaliex skond Scerri l-firma ta’ Nicholas Anthony Borg ma kinitx taqbel mal-firma tal-istess Borg u ghaliex it-testatur kien halla legat lil huh Salvatore Borg meta dawn l-anqas biss kienu jitkellmu. Meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2007 Emanuel Scerri spjega li huwa kien ghalhekk inkariga zewg esperti tal-kaligrafija, Dr. Anthony Abela Medici u Joseph Gaffiero, sabiex jaghmlu rapport dwar l-awtenticita’ tal-firma taz-ziju tieghu fuq l-ahhar testment. Sussegwentement huwa kien ghamel rapport lil Pulizija u ghadda kollox lilhom. Scerri spjega li huwa kellu cavetta tad-dar taz-ziju tieghu u wara l-mewt tieghu gabar id-dokumenti kollha mid-dar fejn kienet tidher il-firma ta’ zijuh, inkluzi cheques, karti tal-bank u karti rigwardanti shares. Emanuel Scerri qal li huwa kien ra liz-ziju tieghu

jiffirma diversi drabi u sostna li l-firma li tidher fuq it-testment tat-23 ta' Awwissu 2010 m'hijiex ta' zijuh Nicholas Anthony Borg.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri gew mahtura zewg esperti tal-kaligrafija minn din il-Qorti. Fit-8 ta' Novembru 2006 din il-Qorti hatret lil Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante bhala espert tal-kaligrafija sabiex tanalizza il-firma li tidher bhala 'NA Borg' fuq Dokument EM6 a folio 64 tal-atti processwali u sabiex tanalizza wkoll il-kaligrafija tal-atti in kwistjoni fl-intier taghhom u tqabbel il-firem tal-partijiet kollha hemmhekk indikati u tqabbel il-firem ma firem ohra tal-istess persuni f'dokumentazzjoni ohra li tigi prezentata. Il-Qorti ordnat lill-espert kaligrafu sabiex ghal finijiet tal-espletazzjoni tal-inkarigu lilha moghti tezamina t-testment originali u l-istess espert giet awtorizzata sabiex tezamina dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fejn kienet tidher il-firma ta' Nicholas Anthony Borg. Ir-rapport tal-imsemmijia espert tal-kaligrafija jinsab inserit a fol. 95 tal-atti processwali u f'dan ir-rapport hija kkokludiet is-segwenti:- *Fir-rigward tal-firma ta' Nicholas Borg indikata fit-testment in kwistjoni, l-perit grafiku sottoskritta, tirreferi ghac-certifikati li hija sabet mahruga mill-Isptar San Luqa datati hamsa w ghoxrin t'Awissu 1997, li huma hawn immarkati u dokumentati bhala Dok NA 1 sa NA 3.*

*Hija tirreferi ukoll ghax-xhieda tat-Tabib Jeffrey Borg li qal illi mil-mard li kellu Nicholas Borg setghu gew effettwati in-nervituri tieghu.*

*Id-dokumenti Dok NA 1 -3 jindikaw li Nicholas A. Borg kien isofri minn 'episode of right sided precordial tightness radiated down to the right arm, and associated with sweating. This occurred on exertion and was relieved by resting. It occurred on further two times before admission. The last one at rest'.*

*Dan ic-certifikat iffirmat minn certu Doctor Ian Galea, qed jigi kkunsidrat peress li l-perit grafiku sottoskritta, ma' tafx jekk dan baqax isofri minn din il-kundizzjoni sal-ahhar, u*

*cioe', sad-data ta' meta sar it-testment in kwistjoni u cioe' fis-sena 2001.*

*Dan qed jinghad peress li jekk jigi ppruvat li Nicholas A. Borg kien isofri minn xi cirkostanza medika, li setghet effettwat idu l-leminija, din setghet effettwat il-modricita' tal-firma tieghu, l-andament, kif ukoll l-mankanza tal-iscorrevolezza li tinsab infatti fil-firma indikata f'dan it-testment.*

*Dan qed jinghad ukoll peress li nstabu hafna karatteristici simili ta' Nicholas A. Borg, izda nstabu wkoll hafna karatteristici nieqsa.*

*Dawn il-karatteristici li nstabu nieqsa, setghu rrizultaw li ghax il-firma giet ikkupjata, u dawn huma karatteristici importanti hafna bhal pressjoni, modricita' u andament tal-firma.*

*Hemm zewg possibilitajiet ghalfejn dawn il-karatteristici instabu hekk tant differenti. Dawn il-karatteristici jistghu jigu mibdula jew*

*a. jekk awtur iehor ikkopja din il-firma,*

*b. jew inkella l-awtur kien l-istess awtur tal-firma tieghu, u cioe' kien Nicholas A. Borg,* ***izda taht cirkostanza medika****.*

*Hawnhekk il-perit grafiku sottoskritta qed tghid li ghalhekk din il-firma, fil-fehma taghha, ma' tidhirx li hija l-firma ta' kif normalment kien jiffirma Nicholas Borg, ghaliex hija nieqsa mill-karatteristici principali ta' dan l-awtur,* ***izda li <u>tista'</u>*** *tkun tieghu jekk hu kien taht kundizzjoni medika, ghaliex taht din ic-cirkostanza, specjalment kif gie ndikat f'dan ic-certifikat, li jeffettwa l-id il-leminija tieghu, dawn il-karatteristici tant importanti bhal pressjoni, andament u modricita, bilfors li jigu effettwati u jkunu neqsin kif fil-fatt jidher fil-firma tat-testment in kwistjoni.*

*Ghal dawn il-motivi il-perit grafiku sottoskritta ma' tistax tghid b'certezza, mija fil-mija, li din il-firma ma' hiex ta' Nicholas A. Borg. Probabilment ma' hiex ta' Nicholas A. Borg,* ***izda hemm dik il-possibilita' li hija ta' Nicholas***

***A. Borg, jekk jigi ppruvat li l-istess Nicholas A. Borg f'dak il-perjodu kien qed isofri minn cirkostanza medika li setgha jeffettwa idu l-leminija, u cioe' ghalhekk, konsegwentement, il-kitba tieghu.***
***L-esperta tirrelata ukoll illi infatti jekk kien qed isofri minn kundizzjoni medika, Nicholas Borg certament kien jiffirma b'dan il-mod peress illi kundizzjoni medika twassal sabiex wiehed jiproduci firma lenta, b'pawzi u fuq kollox dixxendenti.***

*Ukoll kien l-opinjoni tal-Espert Grafiku li l-firem li jinstabu fuq it-testment in kwistjoni u cioe', il-firem ta' Generoso Sammut, detentur tal-karta tal-identita' numru 20345M, ta' Charlo Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 180777M u tan-Nutar Antoine Agius, detentur tal-karta tal-identita' numru 26695M, huma identici ghal firem taghhom.*

*Ghalhekk il-perit grafiku sottoskritta tikkonkludi li l-probabilita' hija li huma ffirmaw fuq dan it-testment.*

*Il-perit grafiku sottoskritta hawnhekk tenfasizza li hija dejjem titkellem fuq probabilita' u possibilita' peress li l-iskrittura hija att voluntarju u f'kaz bhal dan, fejn qed jigu ezaminati biss firem, huwa facli li wiehed ibiddel il-firma tieghu voluntarjament biex jinnegah aktar fil-futur.*

*Izda hawnhekk, f'dawn it-tlett firem, il-firem ma' gewx mibdula infatti instabu l-istess karatteristici w ghalhekk tikkonkludi li huma ffirmaw dan it-testment.*

Permezz ta' digriet datat 23 ta' April 2010 inhatar Martin Bajada bhala espert kaligrafu ulterjuri bl-inkarigu li jezamina d-dokumenti originali u cioe' t-testment li sar fit-23 ta' Awwissu 2007 maghmul mill-allegat testatur Nicholas Anthony Borg in atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius sabiex specifikatament jezamina l-firem fuq it-testment bil-fakulta' li jkun jista' jaghmel ezami komparattiv tal-firem u jirrelata jekk il-firma fuq it-testment saritx minn Nicholas Anthony Borg jew le.

Ir-rapport tal-imsemmi espert tal-kaligrafija jinsab inserit a fol. 293 et sequitur tal-atti processwali fejn huwa spjega li kkonduca s-segwenti analizi:-

*1. Fit-8 ta' Marzu, 2010, l-esponent permezz ta' rikors talab sabiex jiehu kampjun tal-firem tan-Nutar Antoine Agius, Generoso Sammut u Charles Attard. Il-Qorti laqat it-talba fit-9 ta' Marzu, 2010 u fl-24 ta' Marzu, 2010 ittiehed il-kampjun tal-firem mitlub mill-esponent u hawn anness bhala Dok A, Dok B u Dok C.*

*2. Wara li sar analisi u ezami tal-process kien hemm il-htiega ta' diversi dokumenti originali u verifiki minn terzi fuq firem ta' Nicholas Borg. Fis-6 ta' Mejju 2010, l-esponent wara s-seduta tat-23 t'April, 2010 talab permezz ta' nota sabiex jigu injunti diversi persuni sabiex (i) jipprezentaw dokumentazzjoni originali u (ii) issir verifika tal-firma ta' Nicholas Borg fuq id-dokumenti esebiti.*

*3. Il-Bank of Valletta ipprezentaw diversi dokumenti originali pero' impjegati tal-Bank ma' kinux fil-pozizzjoni ikkonfermaw li l-firma ta' Nicholas Borg saret fil-prezenza taghhom.*

*4. Illi, gie prezentat il-file mediku ta' Nicholas Borg u gew iddentifikati tliet (3) consent forms ghal operazzjoni fuq liema kien hemm il-firma ta' Nicholas Borg. Il-prosekuzzjoni giet mitluba tharrek li dawk il-persuni li kien xhieda tal-firma ta' Nicholas Borg fuq il-consent forms. Il-prosekuzzjoni sabuha difficli sabiex jigu ddentifikati dawn ix-xhieda.*

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti:-

1. Illi, tramite l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju, 2011, l-esponent gie ordnat sabiex jirrelata sas-seduta li jmiss.

2. Illi, galadarba sa dina s-seduta l-esponent ma' ghandux kampjun kontrollat (controlled sample) tal-firem ta' Nicholas Borg, l-esponent fuq bazi ta' grad ta' bla ebda dubju ddettat mir-raguni mhux fil-pozizzjoni li jasal ghal konkluzjoni jekk il-firem ta' Nicholas Borg fuq it-testment datat 23 t'Awwissu, 2001 fl-atti ta' Nutar Antoine Agius sarux minn Nicholas Borg.

3. Illi, l-esponent jiddikjara li traskriva fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghrif, l-informazzjoni u dokumentazzjoni analizati minnu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehed Charlo' Attard f'zewg okkazzjonijiet[1] fejn wara li spjega li huwa n-neputi ta' l-imputat Generoso Sammut qal li huwa kien gie mitlub minn zijuh sabiex jakkompanjah ghal qadja li kellu ghand in-Nutar Antoine Agius, li gharfu bhala wiehed mill-imputati, fl-ufficcju tan-Nutar f'Hal-Qormi u waqt li zijuh u hu kienu qed jistennew fil-waiting room hareg in-Nutar u staqsihom jekk kienux disposti joqoghdu bhala xhieda fuq testment u huma rrispondew fl-affirmattiv u meta dahal fl-ufficcju tan-Nutar kien hemm ragel anzjan li kellu madwar sebghin sena u n-Nutar qara t-testment u huma ffirmaw fejn l-ewwel iffirma r-ragel anzjan u mbaghad iffirmaw hu u zijuh u n-Nutar. Attard jghid li din l-affari kollha hadet bejn tlieta sa hames minuti u hu u zijuh regghu hargu fil-waiting room jistennew wara in-nies li kien hemm sabiex imbaghad jidhlu huma meta jmisshom. Attard gie muri zewg ritratti ta' Nicholas Anthony Borg u gharfu bhala l-persuna li kien fl-ufficcju tan-Nutar u ikkonferma wkoll li kien il-persuna li ra jiffirma fuq id-dokument inserit a fol. 52 u 53 tal-atti processwali. Huwa gharaf ukoll il-firma tieghu fuq l-imsemmi dokument. Attard qal li wara ftit u waqt li zijuh u hu kienu qed jistennew fil-waiting room hareg ir-ragel anzjan mill-ufficcju tan-Nutar u baqa' hiereg barra u huwa ma rahx aktar. Huwa spjega li din kienet l-unika darba li qatt ra lil dan ir-ragel.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat Anthony Agius bhala Nutar Pubbliku qed jigi akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni bi ksur tal-Artikoli 179 u 190 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta' bdil qarrieqi fatti maghmula minn ufficcjal pubbliku kontemplat fl-Artikolu 180 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta' ghoti ta'

[1] Waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar 2008 u waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008.

dikjarazzjoni falza jew certifikat falz kontemplat fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali kif ukoll talli bhala Ufficcjal Pubbliku wettaq l-imsemmija reati u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.  L-imputat Generoso Sammut qieghed jigi akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti pubblici kontemplat fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta' ghemil ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali voluminuzi f'dan il-kaz, din il-Qorti jidhrilha li l-pern tal-kaz kollu jirrivolvi dwar il-fatt jekk il-firma 'NA Borg' li tidher fuq it-testment tat-23 t'Awwissu, 2001, tistax titqies li saret minn Nicholas Borg, u cioe' jekk tali firma hijiex awtentika jew inkella falsifikata. Ikun ezercizzju pjuttost inutli li ssir esposizzjoni legali tar-reati li bihom jinsabu akkuzati z-zewg imputati jekk l-ewwel u qabel kollox ma' jigix determinat dan il-punt.

Il-Qorti diga' ghamlet referenza ghar-rapporti taz-zewg esperti tal-kaligrafija minnha nominati fejn l-ewwel esperta nominata, l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante kkonkludiet li l-firma 'NA Borg' fuq it-testment tat-23 t'Awwissu, 2001 probabilment ma' hijiex ta' Nicholas Borg izda li hemm il-possibilita' li hija ta' Nicholas Borg jekk jigi pruvat li f'dak il-perijodu li sar it-testment Nicholas Borg kien qed isofri minn cirkostanza medika li setghet taffetwa idu l-leminija.  Issa din il-Qorti setghet tikkonstata u dan wara li ezaminat il-file mediku ta' Nicholas Anthony Borg li jinsab inserit in atti u li diga' saret referenza ghalih fil-paragrafi precedenti, illi fid-data in dizamina, u cioe' fit-23 t'Awwissu, 2001, huwa kien qed isofri minn cirkostanza medika u ghalhekk tezisti l-possibilita' li tali kundizzjoni medika effetwatlu idu l-leminija u l-mod li bih iffirma.  Din il-Qorti inoltre hadet ukoll in konsiderazzjoni l-konkluzjoni tal-espert kaligrafu l-iehor Martin Bajada li qal li ma' setghax jigi determinat b'mod definittiv u sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp penali jekk il-firma in dizamina kienitx ta' Nicholas Anthony Borg una volta li ma' setghax isir ezami komparattiv bejn firma li giet pruvata lil hinn minn kull

dubju dettat mir-raguni li kienet saret minn Nicholas Anthony Borg (controlled sample) u l-firma li tidher fuq it-testment. L-espert kaligrafu fil-fatt xehed waqt l-udjenza tat-22 t'April, 2010 u spjega li sabiex kampjun ta' firma jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' ezami komparattiv kellha tingieb il-prova li d-dokument li fuqu kienet il-firma kien originali u jingabu xhieda li jikkonfermaw bil-gurament li raw lil Nicholas Anthony Borg jiffirma u li ghalhekk tali firma kienet tieghu. Din il-haga ma' saritx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk fl-assenza ta' tali controlled samples l-espert kaligrafu ma' kienx f'posizzjoni li jaghmel ezami komparattiv konklussiv u utili sabiex din il-Qorti tkun imbaghad tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha. Din il-Qorti ma' tistax ma' tikkummentax li l-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward setghat kieku riedet produciet it-testmenti originali li saru precedentement minn Nicholas Anthony Borg in atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel, u li kopja taghhom minghajr firma, giet esebita in atti, fejn allura kien ikun hemm il-firma originali ta' Nicholas Anthony Borg, u setghet ukoll tiproduci bhala xhieda lin-Nutar Spiteri Maempel u lix-xhieda li dehru fuq dawk it-testmenti li kienu jivverifikaw li l-firma li hemm fuq l-imsemmija zewg testmenti saret minn Nicholas Borg quddiemhom. B'dan il-mod din il-Qorti kien ikollha quddiemha controlled sample tal-firma ta' Nicholas Anthony Borg u l-espert tal-kaligrafija minnha mahtur kien ikun f'posizzjoni jespleta l-ezami komparattiv b'mod tali li ma' jhalliex dubji.

Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ix-xhud Charles Attard qed jikkonferma li huwa ra lil Nicholas Anthony Borg jiffirma t-testment tat-23 t'Awwissu, 2001, fejn espert tal-kaligrafija minnha mahtura qed issostni li bil-kundizzjoni medika li kellu Nicholas Anthony Borg, il-firma setghat tkun tieghu u b'sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni naqset milli tiproduci controlled sample tal-firma tat-testatur sabiex b'hekk ikun jista' jsir ezami komparattiv utili ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. F'dawn ic-cirkostanzi l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma' tista' titqies li rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-firma li tidher fuq it-testment tat-23 t'Awwissu, 2001 ma' saritx minn Nicholas Anthony Borg u li hija

ghalhekk falsifikata.  Isegwi ghalhekk li l-imputati ma' jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom.

B'riferenza ghal dak sottomess mill-parti civili fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tieghu fejn isostni li din il-Qorti tista' icto-oculi tara li l-firma hija falza, l-Qorti tippuntwalizza li ma' tpoggitx fil-posizzjoni li taghmel tali ezercizzju stante li ma' ngabitx controlled sample tal-firma ta' Nicholas Anthony Borg li kienet tippermettilha taghmel tali ezercizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------